# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 427/01 JA**

**KD Commercials Limited**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited**
**Valfracht Roro Line Limited**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmula mis-socjetajiet konvenuti minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Jannar 2013 li permezz taghha l-ewwel Qorti inter alia, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, laqghet it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici u kkundannat lis-socjetajiet konvenuti

biex solidalment bejniethom ihallsu s-somma ta' €7,403.89 lis-socjeta` attrici in linea ta' danni sofferti minnha fuq truck [*mechanical horse*] tal-marka ERF EC10 ARCTIC numru ta' registrazzjoni Ingliz L364RDM, meta din il-vetttura kienet abbord il-vapur MV Moon Admiral destinat li minn Tilbury Londra jmur Malta permezz ta' vjagg li salpa fl-10 ta' April 2000. Bl-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mis-socjetajiet konvenuti.

**Mertu**

2. Jirrizulta mill-atti tal-kawza illi s-socjeta` atttrici kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited [Valletta Freight] ghall-garr ta' merkanzija minn Londra ghal Malta, inkluza l-vettura fuq imsemmija. Minn naha taghha din is-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` konvenuta l-ohra Valfract Roro Line Limited [Valfract] biex iggorr il-vettura mill-Ingilterra ghal Malta. Waqt li l-vettura kienet gja' mghobbija fuq il-vapur din sofriet hsara estensiva waqt it-tghabbija ta' vettura ohra misjuqa minn terz[1]. Il-pretensjoni tas-socjeta` attrici hi li ghall-hsara ghandhom jirrispondu s-socjetajiet konvenuti li, minn naha taghhom, jikkontendu li huma ma kellhomx tort ghad-danni li garrbet il-vettura peress li dawn gew kaggjonati minn sewwieq inkarigat minn socjeta` estera sabiex jghabbi l-merkanzija taghha. Kien waqt li dan kien qed jghabbi l-merkanzija ta' din is-socjeta` li laqat il-vettura de quo

[1] Din tirrizulta mill-affidavit mhux kontradett ta' Anthony Borg.

u kkaguna l-hsara. Ghalhekk is-socjetajiet konvenuti jikkuntrastaw il-pretensjoni tas-socjeta` attrici bis-sottomissjoni li huma m'humiex responsabbli ghad-danni u fi kwalunkwe kaz ir-respsonabbilita` taghhom hija limitata skont il-*bill of lading* u wkoll skont il-*Hague Rules.* Ix-shipper kienet is-socjeta` Jaymar International Limited inkarigata mis-socjeta` attrici.

**Is-Sentenza Appellata**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-30 ta' Jannar 2013, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat;

"Illi kif ġja' msemmi, is-soċjeta attriċi qed titlob il-ħlas għad-danni subiti minnha fil-vettura *(mechanical horse)* illi ġiet trasporata mill-Ingilterra għal Malta. Hija qed issostni li s-soċjeta' Valletta Freight Services għandha twieġeb għal dawn id-danni peress li l-kuntratt tal-ġarr sar appuntu bejniethom.

"Illi s-soċjetajiet konvenuti qed jeċċepixxu li d-danni ma ġrawx tort tagħhom iżda ta' soċjeta' estera li sewwieq tagħha laqat il-vettura imsemmija; illi f'kull każ ir-responsabbilta' hija tal-vapur u l-armaturi tiegħu u li l-limiti tar-responsabbilta' hija ndikata fil-*bill of lading* u mill-*Hague Rules*.

"Illi Anthony Borg, direttur tas-soċjeta' attrici fl-affidavit tiegħu (a fol 63 tal-proċess) qal hekk:

> *"Jien direttur ta' K.D. Cornmercials Ltd. Il-kumpanija hija prattikamurt tiegħi. Niġġestixxi n-negozju tal-kumpanija jien. Ix-xogħol tal-kumpanija jikkonsisti f'importazzjoni ta' inġenji u vetturi kbar minn l-Ingitterra jew pajjiżi oħra madwar l-Ewropa. Għal dawm l-aħħar snin kont inġib ix-xogħol hawn Malta tramite l-Kumpanija Valletta Freight Services Ltd.*
>
> *Immur għand il-Valletta Freight Services Ltd fl-uffiċċju tagħha l-Marsa u*

*minn hemm joħorġuli l-Bill of Lading wara li ngħidilhom dwar ix-xogħol li nkun ser nimporta. Jien inħalli kollox f'idejhom u anke nħallilhom open cheque li dejjem nindirizzah lil Valletta Freight Services Ltd sabiex ikopri l-freight. Ir-raġuni li nħalli open cheque peress illi n-noll tat-trakk ikun għadu jrid jinħadem meta jiġi biex jitgħabba t-trakk u peress illi jien ikolli bżonn il-karti kemm jista' jkun malajr, jien inħalli dan l-open cheque, għaliex jekk jgħadduli l-karti mingħajr l-ebda forma ta' sigurta, wieħed ikun jista' jiskarta l-ħlas.*

*Min-naħa tagħhom Valletta Freight Services Ltd, jieħdu ħsieb huma lil min jinkarigaw biex eventwalment iġibuli l-merkanzija hawn Malta. Naf illi jaħdmu b'xi kumpanija oħra tagħhom Valfracht Roro Line Ltd, pero' din jinkarigaw Valletta Freight Services Limited. Fl-Ingilterra, ċjoe' min-naħa tal-port of delivery, naf illi jinkarigaw ċerta kumpanija li jisimha Jaymar International, illi min-naħa tagħha tieħu ħsieb dak kollu li jkun hemm bżonn bħala karti u tgħabija min-naħa tal-port of delivery.*

*Jien ma' Jaymar International ma jkollix x'naqsam u hija Valletta Freight illi jinkarigawh u eventwalment iħallsuh tas-servizz li jirrendi.*

*Il-proċedura normali hija illi jien jew xi ħadd inkarigat minni, iniżżel it-trakk mgħobbi bil-merkanzija, fid-docks, inħallih hemmhekk u mmur lura. Hekk kif indaħħal it-trakk fid-docks, jien nerġa' noħroġ mix-xena u jeħduli ħsieb kollox r-rappreżentanti tal-konvenuti. Fil-fatt jien f'dan il-proċess kollu nagħmel pagament wieħed biss, li jsir hawn Malta u jsir lill Valletta Freight, li kif ġja' għidt u kif ser nispjega aktar 'l isfel isir b'ċekk miftuħ.*

*Mid-docks it-trakk jigħabba fuq il-bastiment li mbagħad iwassal il-merkanzija Malta. Il-vapur ġeneralment ikun wieħed chartered mill-kumpaniji konvenuti.*

*Fil-każ jew okkażjoni mertu ta' din il-kawża ġara eżatt dak kollu fuq spjegat. Jien personalment niżżilt it-trakk mgħobbi bil-merkanzija li ridt nimporta Malta minn l-Ingilterra, id-docks tal-Ingilterra. Mort għand Jaymar International Limited li għamilli s-shipping note li tkun inventarju tal-affarijiet kollha illi jien inkun ser ngħabbi fuq il-vapur. Meta wasal id-docks, ħallejt it-rakk mgħobbi f'kondizzjoni tajba u għaddejt din is-shipping note lir-riċevituri tad-docks. Ir-riċevituri hija kumpanija li jisimha Ocean Lines (jew isem simili, - l-isem preċiż m'inix ċert minnu) li hija kumpanija li tkun inkarigata minn Valletta Freight, u li fil-fatt jien nafha bħala kumpanija rappreżentatriċi ta' Valletta Freight Services Ltd.*

*Il-vapur illi kien se jitgħabba fuqu t-trakk tiegħi kien vapur li kien chartered mill-konvneuti. Hija proċedura ta' Valletta Freight Services Ltd, illi meta l-vapur ikun mimli sew bil-merkanzija, jintbagħat rappreżentat ta' Valletta Freight fl-Ingilterra, sabiex jgħabbi l-merkanzija hu (mhux fiżikament), u jassikura illi l-merkanzija titgħabba kollha kemm hi fuq il-vapur u ma jitħalla xejn l-art. Jidher illi hekk ġara fil-każ odjern. Dan jien sirt nafu wara peress illi wara meta l-vapur kien diġa' telaq mill-Ingilterra kien ġie fuqi ċertu Victor Vella li huwa direttur ta' Valletta Freight u nfurmani illi huwa kien tela' l-Ingilterra, b'dan l-inkarigu ċjoe' sabiex jieħu ħsieb it-tgħabija tal-vapur kif spjegajt u*

*nfurmani illi waqt li kien qed jitgħabba l-vapur, aċċidentalment kienu laqtuli u kissruli l-windscreen tat-trakk tiegħi, meta trakk ieħor kien laqt it-trakk tiegħi hu u jitgħabba.*

*Kif qalli hekk is-Sur Vella, jien ippanikjajt, peress illi dak it-trakk partikolari kien diġa' mibjugħ hawn Malta u kont diġa' qbadt depożitu f'idi. Għalhekk mingħajr telf ta' żmien mort xtrajt windscreen oħra adatta mingħand kollega tiegħi, sabiex hekk kif jiġi t-trakk din tkun tista' titwaħħal minn l-ewwel mingħajr problemi mal-klijent. Dakinhar is-Sur Vella qalli li jien ma kellix għax inħabbel rasi għaliex il-ħlas tal-windscreen il-ġdida kienu lesti li jnaqqsuli mill-kont.*

*Jumejn qabel ma kellu jasal il-vapur bħal ma dejjem nagħmel mort fl-uffiċċju ta' Valletta Freight Services Ltd, fejn tajthom iċ-ċekk (miftuħ) u huma tawni d-dokument neċessarji, nkluż il-bill of lading, li f'dak il-mument kien l-ewwel darba li ġie f'idejja sabiex jien inkun nista' nħott il-merkanzija minn fuq il-vapur.*

*Kif wasal il-vapur u mort għat-trakk, ħadt qatgħa sew, għaliex mhux il-windscreen biss kelli miksura, iżda l-kabina kollha. Il-kabina li kienet tal-fiberglass kellha daqqa kbira fuqha u kienet żlugata u diversi ħsarat b'mod illi ma setgħetx tissewwa.*

*Jien immedjatament għamilt l-ilment dwar dan ma' Valletta Freight Services Ltd. Dawn u mod speċifiku s-Sur Valletta, serħuli moħħi li kienu se jagħmlu tajjeb għal ħsarat u qaluli li kienu se jikkummissjonaw survey sabiex tiġi konstata l-ħsara subita. Fil-fatt ġie kkummissjanat is-Sur Paul Ellul, surveyer kwalifikat fuq dan ix-xogħol mill-Mediterranean Survey Bureau, illi kien irrilaxxa rapport illi kopja tiegħu jien qed nesebixxi ma' dan b'affidavit u nimmarka bħala Dok AB1. Dan ir-rapport ikkommissjonat mill-konvenuti jistabbilixxi d-danni sofferti mini minħabba din il-ħsara, fl-ammont ta' tlett elef, mija u sebgħa u sebgħin liri Maltin u sittin ċenteżmu (LM3,177.60c)."*

"Illi l-inġinier Cardona kkonferma r-rapport tieghu bil-ġurament fis-seduta tat-28 ta' Frar 2005.

"Illi meta xehed Victor Vella (fol 124), Commercial Manager tas-soċjeta' Valletta Freight, dan qal illi din is-soċjeta' hija aġent fl-interess tal-vapur; tieħu ħsieb l-operazzjoni biex titgħabba u tinħatt il-merkanzija, tiġbor in-noll u l-ispejjeż dovuti u ssegwi l-operazzjoni tal-vapur in ġenerali.

"Illi Anthony Borg reġa' ppreżenta affidavit ieħor a fol 163 fejn qal ukoll:

*"Prattikament il-Valletta Freight Services kienu jeħduli ħsieb ta' kollox huma. Jiena kont immur Valletta Freight Services ngħidilhom x'kelli għal importazzjoni, u jieħdu ħsieb karti u l-affarijiet kollox huma nklużi, l-burdnara, l-vaur u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-vjaġġ. Fil-fatt f'dan il-każ naf li l-Valletta Freight Service Limited kienu jinkargaw lill-kumpanija. Valfracht Roro Line Limited li wara sirt naf min l-avukat tiegħi li hija kumpanija wkoll ta' Valletta Freight Services Limited.*

*"Min-naħa tal-Port of Delivery ċjoe' minn l-Ingilterra naf illi din il-*

*kunsinna partikolari u naħseb f'kull darba li nnegozjajt ma' Valletta Freight Services huma kienu jinkarigaw kumpanija għal dak li għandu x'jaqsam ma tgħabija fuq il-vapur li jisimha Jaymar International.*

*Dawn iż-żewġ kumpaniji ċjoe' l-Valfracht Roro u l-Jaymar International jien ma jkollix x'naqsam magħhom u ma nħallashomx jien u ħallsuhom tal-Valletta Freight.*

*L-involviment tiegħi wara li nkun xtajt l-merkanzija minn l-Ingilterra huwa li prattikament illi jien insuq it-trakk u ndaħħlu mgħobbija bil-merkanzija bil-merkanzija fid-docks tal-port li tkun ser jitlaq minnu. Minn hemmhekk 'il quddiem kollox jieħdu jieħdu ħsieb il-konvenuti jew in-nies li jqabbdu huma. Mid-docks ix-xogħol jitgħabba fuq il-bastiment li normalment ikun chartered minn Valletta Freight u jibqa' ġej lejn Malta.*

*Hekk ġara fil-każ odjen meta jiena wara li xtrajt dak li kelli nixtri nżilt bit-trailer id-docks tal-port ta' Tilbury. Kif wasalt hemmhekk mort l-uffiċju ta' Jaymar Internaional Limited li għamilli s-shipping note li tkun l-inventarju tal-affarijiet kollha li nkun ser ngħabbi fuq il-vapur. Kif diġa' għidt, Jaymar International ma ninkarigahx jien pero' jinkarigawh il-konvenuti fuq fil-fatt iħallsuh il-konvenuti. Kif diġa' spjegajt f'affidavit preċedenti jien nagħmel pagament wieħed biss f'din it-tranżazzjoni kollha li ssir hawn Malta u li normalment nagħmel permezz ta' check vojt indirizzat lil Valletta Freight Services. Ir-raġuni li jitħalla vojt huwa li ċertu spejjeż ma jkunux jafu kemm huma u kif ikollhom il-konferma tal-ispejjeż huma jimlew iċ-ċekk. Jien kont nafdahom f'din il-ħaġa peress li huma qatt ma daħqu biha u lanqas jien qatt ma dħaqt bihom.*

*Wara li Jaymar International Limited kien għamilli s-shipping note jien proċedejt biex għaddejt il-vettura bil-merkanzija fuqha lir-riċevituri tad-docks. Ir-riċevituri hija kumpanija li jekk minix sejjer żball jisimha Ocean Lines għalkemm m'inix ċert dwar l-isem. Din il-kumpanija hija l-kumpanija li jiena sa minn dejjem kiemm ilni naħdem ma' Valletta Freight Services nafha bħala rappreżentatriċi fl-Ingilterra tal-istess Valletta Freight Services Limited.*

*Meta jien ħallejt il-vettura mgħobija bil-merkanzija f'idejn Ocean Lines (jekk dan huwa l-isem korrett) naf illi ħallejtha f'kundizzjoni perfetta. Kemm il-merkanzija kif ukoll il-vettura li kienu mgħobbijin bil-merkanzija fuqha, li kienet trailer li jien ukoll kont xtrajt f'dik l-okkażjoni minn l-Ingilterra biex nerġa' nbiegħu hawn Malta, kienu f'kundizzjoni perfetta u jien dħalt fid-docks insuq.*

*Sirt naf għalkemm dan sirt wara li l-vapur illi fuqu tgħabbijiet il-merkanzija kien wieħed chartered mill-konvenuti. Naf illi hija proċedura tal-Valletta Freight Services illi meta vapur ikun mimli sew bil-merkanzija jintbagħat rappreżentant tal-Valletta Freight Services fl-Ingilterra sabiex jissorvelja t-tgħabija tal-merkanzija u jaċċerta li kollox jitgħabba u xejn ma jibqa' l-art. Fil-fatt wara sirt naf illi hekk ġara fil-każ odjern. Dan qaluli ċerta Victor Vella li huwa mid-Direttur ta' Valletta Freight li infurmani personalment illi u kien f'dan il-każ partikolari tela' l-Ingilterra sabiex jieħu ħsieb jissorvelja t-tgħabija fuq il-vapur peress li l-vapur kien ser ikun mimli sew.*

*F'dik l-okkażjonii fejn qalli dan kien infurmani illi sfortunatament waqt li kien qiegħed jitgħabba l-vapur taħt is-sorveljanza tiegħu aċċidentalment kienu laqtuli u kissruli l-windscreen tat-trakk tiegħi, meta trakk ieħor ta' terzi kien laqat it-trakk tiegħi u jitgħabba. Dan is-Sur Vella kien qaluli hawn Malta ftit jiem biss wara li jiena kont ġejt hawnhekk u wara li kien telaq il-vapur.*

*Għalkemm windscreen imkissra ma kenitx xi ħaga ta' barra minn hawn, meta qalli hekk is-Sur Vella lili nkwetani bis-sħiħ għaliex dak it-trakk partikolari kont diġa' biegħejtu hawn Malta fis-sens illi kont diġa' ftehemt fuq il-prezz ma' persuna li kull Ma kien jonqosha mingħandi kien li tara t-trakk fiżakament biex tikkonferma li hu f'kundizzjoni tajba u tieħu l-istess trakk. Għal preċiżjoni kont diġa' qbadt depożitu żgħir nominali f'idejja mingħand din il-persuna.*

*Għalhekk jiena srajt kif għamilt sabiex jiena mort xtrajt windscreen oħra mingħand ħabib tiegħu fl-istess qasam ta' xogħol biex kif jasal it-trakk tinbidillu din il-windscreen mingħajr problemi. B'dan kont infurmajt lis-Sur Vella illi kien qalli li ma kellix għalfejn nnħabbel rasi għaliex kienu lesti li jikkumpensaw għal windscreen il-ġdida u kien qalli biex inżomm l-irċevuta tal-windscreen u nnaqqsuha mill-kont li jien kelli nagħtihom.*

*F'dik il-ġimgħa li kellu jasal il-vapur jien mort l-uffiċju tal-Freight fejn tajthom iċ-ċekk miftugħ bħas-soltu u huma tawni d-dokumenti li kienu jinkludu l-bill of lading biex jiena nkun nista' nħott u nieħu l-merkanzija tiegħi minn fuq il-vapur.*

*Kif wasal l-vapur u mort ix-Xatt ngħid li ħadt qata' sew, għaliex hemm skoprejt illi mhux biss il-windscreen kelli miksura iżda l-gabina kollha kienet imfarrka. Il-gabina kienet waħda tal-fibre glass kif normalment ikunu l-gabini dan iż-żmien u kellha daqqa kbira mifqugħa fuqha u barra minn hekk kienet żlugata apparti li kellha diversi ħsarat u tqaċċit, fil-partijiet fejn teħel b'mod illi kien impossibli illi tissewwa."*

"Illi kif jidher l-eċċezzjoni prinċipali, wara li ġew respinti dawk tad-deżerzjoni u tal-leġittimu kontradittur, tal-konvenuti hija illi li l-ħsara reklamata ma kinitx responsabbilta' tagħhom iżda tort tad-*driver* tal-Port of Tilbury u kwindi ħadd minnhom ma hu responsabbli. Dwar dan pero' wieħed irid jgħid li huma kienu responsabbli biex iwasslu l-merkanzija Malta u għalhekk la darba din waslet danneġġjata, ir-responsabbilta' biex din tasal mingħajr ħsara kienet tagħhom. Il-kawża għat-talba attriċi hija waħda kuntrattwali u mhux delittwali.

"Illi fil-kawża mbagħad, ma ressqu ebda prova la li huma daħlu fil-ftehim bħala aġenti u lanqas dwar kwistjonijiet oħra. Anzi jirriżulta li l-ewwel Valletta Freight talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-operazzjoni kummerċjali in kwistjoni u anke eventwalment u wara Valfracht Roro Line intavolat kawża dwarhom u dan għamlitu f'isimha. *Oltre* dan permezz ta' sentenza preliminari f'dik il-kawza (6 ta' Novembru 2003) il-Qorti, diversament preseduta, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' KD Commercials li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejniethom. Dik

il-kawża ilha issa xi żmien għas-sentenza finali. Wieħed għandu jgħid ukoll li l-kawża odjerna damet daqshekk ma ġiet deċiża minħabba d-dewmien dovuti għas-soċjeta attriċi biex tressaq il-provi tant li fl-aħħar il-Qorti kellha tasal għall-espedjent illi tiddikjara l-provi magħluqa u tħalli l-kawża għas-sentenza.

"Illi mill-provi illi effettivament ressqu jirriżulta indiskutibbilment li kien hemm kuntratt bejn is-soċjetajiet biex il-vettura msemmija tinġieb Malta mill-Ingilterra permezz tal-vapur imsemmi fiċ-ċitazzjoni u li din waslet danneġġjata. Għalhekk il-Qorti trid teżamina jekk fid-dawl tal-ġurisprudenza t-talbiet attriċi għandhomx jiġu akkolti in vista tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti.

"**Valletta Freight Services Limited** u **Valfracht Roro Line Limited** qed jeċċepixxu li l-ħsara ġrat mhux tort tagħhom iżda tort tad-*driver* tal-*Port of Tilbury* waqt li kien qed isuq il-vettura fil-vapur; li l-ġarr sar taħt *free in and out terms* u allura kien l-armatur tal-vapur li kien responsabbli; u r-responsabbilta' hija limitata għal mitt lira Maltin għar-raġunijiet ġja' msemmija. Kwantu għad-distinzjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet imsemmija, skond Victor Vella, Commercial Manager ta' Valletta Freight, xogħlha hu limitat għal agenzija fl-interessi tal-vapur; filwaqt li s-soċjeta' Valfracht jidher li kienet inkarigata mit-trasport mill-istess Valletta Freight.

"Illi kif sewwa rrimarkat is-soċjeta' attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, fuq dawn l-allegazzjonijiet il-konvenuti ma ressqu ebda prova. Dan ikun biżżejjed, fuq l-iskorta tal-artiklu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura, biex l-eċċezzjonijiet tagħhom jiġu skartati; *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat.*

"Illi barra minn dan pero' anke skond il-ġurisprudenza ma hemmx dubbju illi l-azzjoni attriċi kif proposta għandha tirnexxi. Fil-kawża fl-ismijiet **"Alfred Calleja nomine et vs Carmelo Ellul Sullivan nomine et"** deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru 2004, l-istess Qorti qalet illi:

> *"L-aġent jippromwovi l-interessi tal-mandati tiegħu; interess dawn li jġorru magħhom anke doveri. A propositu, fil-każ in deżamina, l-iskarikazzjoni minn abbord tal-merkanzija u l-konsenja lid-destinatarju tagħha. Terminat il-kompiment ta' din l-operazzjoni dan ma jġibx għaldaqshekk illi l-mandatarju ossija l-aġent tal-vapur, anke jekk* ***discharging agent****, joħroġ mix-xena, una volta tkun aċċertata pretiżatat-terz riċevitur mal-istat jew nuqqas tal-merkanzija hekk skartata. Effettivament din il-Qorti mhix impressjonata mill-affermazzjoni tas-soċjeta' konvenuta li hi kienet aġenti għal darba waħda u bħala* ***discharging aġent*** *għall-iskop ta' dak il-vjaġġ biss. Dan għall-mottiv illi kif jirriżulta il-pretensjonijiet attriċi huma naxxenti minn dik l-istess operazzjoni li s-soċjeta' konvenuta ġiet affidata in virtu tal-mandat konferit."*

"Illi l-aġent skond is-sentenza fl-ismijet **"David Curmi noe vs Frederick Frendo noe"** (31 ta' Ottubru 1994) *"hu l-persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-armatur f'azzjoni għad-danni pretiżi minn esekuzzjoni ħażina ta' obbligazzjoni assunta għat-trasport tal-merkanzija."*

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Ronald Demajo noe vs Adrian Mifsud nomine"** (24 ta' April 1980) intqal illi *"B'dan il-mod l-aġent għandu impliċitament ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-armaturi tal-bastiment f'kawżi li jirrigwardjaw nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija jew ħsarat fiha, peress li dawn il-materji jitwieldu mill-kuntratt tat-trasport tal-merkanzija nvoluta f'dak il-vjaġġ partikolari."*

"Illi kwantu imbagħad għall-limitazzjoni tar-responsabbilta' kif qalet il-Qorti fis-sentenzi riportati fil-**Vol. XXXVII-iii-874** u **XXXVI-i-319**, *"Kull klawsola diretta biex teżonera lill-armatur mill-ħtijiet tiegħu ... hija indubbjament nulla, anke bl-akbar rispett lejn il-liberta' tal-konvenzjonijet u dana għaliex il-pattijiet fil-**polizza di carico** għandhom bħal konvenzjonijiet kollha, għandhom ma jkunux kuntrarji għal-liġi u huwa prinċipju ta' dritt merkantili li l-klawsoli ta' eżoneru ma jesimix mir-responsabbilta' meta jkun hemm **breach of contract or of duty.**"*

"Illi din il-Qorti ma tistax ukoll ma taqbilx mas-sentenza fl-ismijiet **"Paul Musu' noe vs Francis Vella et noe"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru 1998, illi f'każ analogu ddikjarat kemm lill-aġent tal-vapur u kemm lil dak tat-trasportatur solidalment responsabbli għall-akkadut u kwindi għad-danni subiti mis-soċjeta' attrici. Il-Qorti qalet infatti illi *"Is-solidarjeta' f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ **ex lege**".*

"Illi kwantu għall-ammont ta' danni, dawn ma ġewx kontestati u kwindi jammontaw għas-somma ta' Lm3,177.60c – illum €7,403. 80."

## L-Appelli

*L-Appell tas-Socjeta` Konvenuta Valfracht Roro Line Limited*

4. Din qed tibbaza l-appell taghha pprezentat fid-19 ta' Frar 2013, fuq zewg aggravji: [1] illi l-ewwel Qorti ma tatx bizzejjed piz lill-provi prodotti minnha fir-rigward ta' x'kien ir-rwol taghha fil-kwistjoni odjerna u specifikament id-distinzjoni fl-irwoli li s-socjetajiet konvenuti kellhom

bejniethom; [2] illi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-limitu ta' responsabbilta` li hija suggetta ghalih is-socjeta` Valfract u ghalhekk hasset ruhha aggravata meta l-ewwel Qorti kkundannatha thallas *in solidum* l-ammont ta' danni li fil-fehma taghha huwa eccessiv. Issostni wkoll li l-ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet ghas-somma hekk likwidata.

5 Ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tichad *in toto* t-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu a kariku tas-socjeta` attrici.[2]

*L-Appell tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited*

6. Din is-socjeta` qed tibbaza l-appell taghha ipprezentat fid-19 ta' Frar 2013 fuq is-segwenti aggravji: [1] illi hi ma hijiex il-legittimu kuntradittur fil-proceduri odjerni; [2] illi anke jekk il-Qorti jidhrilha li hija kienet l-agent tal-konvenuta l-oħra fil-mument meta sehhet il-hsara mertu tal-kawza, hi xorta ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni; [3] illi l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni u ma ddecidietx fir-rigward tat-tielet eccezzjoni sollevata minnha rigwardanti l-frazi *free in and out terms*; [4] illi l-ewwel Qorti ddikjarat li kien hemm nuqqas ta' provi rigward id-distinzjoni fir-rwoli ta' bejn is-socjetajiet konvenuti; [5] illi l-ammont ta' danni likwidati huwa eccessiv u l-ewwel Qorti ma spjegatx

[2] Talba kif korretta permezz ta' digriet ta' din il-Qorti aktar 'l isfel f'dan il-gudizzju.

kif waslet ghal tali somma.

7. Ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex thassar s-sentenza appellata billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, tichad *in toto* t-talbiet tas-socjeta` attrici; bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta` attrici.[3]

8. Is-socjeta` attrici twiegeb ghall-appell tas-socjeta` Valfracht permezz ta' risposta tal-appell tat-13 ta' Marzu 2013, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, tissottometti illi dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**L-Eccezzjoni tan-Nullita`**

9. Illi f'dan l-istadju u qabel ma jigu delineati u trattati l-aggravji huwa opportun li din il-Qorti tinvesti il-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata li tirrigwarda l-validita` tar-rikorsi tal-appell in dizamina, kif ukoll ser titratta t-talba maghmula minn dik is-socjeta` fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2007 ghal korrezzjoni fiz-zewg appelli.

10. Fir-risposta taghha s-socjeta` attrici issollevat in-nullita` tar-rikorsi

[3] Talba kif korretta permezz ta' digriet ta' din il-Qorti aktar 'l isfel f'dan il-gudizzju.

peress li dawn ma kienux konformi ma' dak li jistipula l-Artikolu 231[1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in kwantu fiz-zewg rikorsi s-socjetajiet konvenuti naqsu milli jindikaw id-data tas-sentenza li qed jappellaw minnha, multo magis meta fil-proceduri odjerni kienu inghataw ukoll zewg sentenzi preliminari, wahda fit-13 ta' Frar 2004 u l-ohra fis-16 ta' April 2008.

11. B'reazzjoni ghal din l-eccezzjoni fuq indikata s-socjetajiet konvenuti talbu li l-Qorti tawtorizza korrezzjoni fit-talba tar-rikors tal-appelli fis-sens li, minflok il-kliem *"ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` appellanti …[sa]…. KD Commercials Limited"* jigu inseriti l-kliem *"[moghtija] nhar it-30 ta' Jannar tas-sena 2013 billi, filwaqt li tilqa' dawk l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti tichad in toto it-talbiet attrici appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tas-socjeta` attrici appellata li hija ngunta ghas-subizzjoni"*.

12. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-artikoli tal-ligi relevanti ghal din il-vertenza huma s-segwenti.

13. L-Artikolu 143 tal-kap 12 jipprovdi x'ghandu jkun fih rikors ghat-thassir ta' sentenza:

> "(1) Ir-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tiġi appellata flimkien ma' raġunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell u fih ghandu

jintalab li dik it-talba tiġi milqugha jew michuda.

..."omissis"...

"(5) In-nuqqas ta' tharis ta' dak li hu mehtieġ skont is-subartikolu (1), (2) u (3), ma jaghmilx null ir-rikors; iżda, f'kull każ bhal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jippreżenta, fi żmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtieġa mil-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fir-rikors."

14. L-Artikolu 175 tal-istess Kap. fis-subinciz 2 jipprovdi:

"(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.."

15. L-istess Kap. fl-Artikolu 231(1) jipprovdi:

"(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell..."

16. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-pregudizzjali sollevata tohrog mill-fatt li s-socjetajiet konvenuti naqsu milli fit-talba taghhom jindikaw bid-data minn liema mit-tlett sentenzi fuq indikati qed jappellaw. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat minn din il-Qorti, fil-kompetenza inferjuri taghha, fl-ismijiet **Mizzi v. Camilleri** deciza fl-20 ta' Ottubru 2004 li, filwaqt li m' ghandhomx jigu ammessi korrezzjonijiet meta dawn ikollhom l-ghan li jzidu appell minn sentenza, li altrimenti

tkun ghaddiet in gudikat, il-kaz jaf ikun differenti jekk fil-korp tar-rikors tal-appell, ikun hemm accenn ghal wahda mis-sentenzi moghtija mill-Qorti fl-istess proceduri. Il-Qorti kompliet tosserva hekk:

> "Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti taghti lil dan il-kwadru ssib illi l-konvenut appellant kien qed jippresupponi li kien hemm biss decizjoni wahda fil-kawza. U anke jekk id-data taghha ma gietx espressament imsemmija fit-talba li biha ntalbet ir-revoka, hi l-fehma ta' din il-Qorti, minn dak rinvenut mill-korp tal-appell, illi d-decizjoni li minnha l-konvenut kien qed jappella kienet dik tas-7 ta' Dicembru 2001. Dan hu hekk indott 'aliunde' mill-korp tal-aggravji fejn id-data hi espressament msemmija[4]. In bazi ghal din ir-riflessjoni s-sanzjoni estrema tal-irritwalita` invokata mill-attur appellat ma tistghax tigi akkolta hlief parzjalment fir-rigward tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2003. F'din il-konkluzjoni taghha din il-Qorti tippropendi lejn il-principju salutari illi l-atti ghandhom, fejn possibbli u konsentit, jigu salvati, anzikke` annullati jew dikjarati irritwali."

17. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ssib li r-rikorsi tal-appell tas-socjetajiet konvenuti huma sanabbli billi fil-korp tal-appell, ghalkemm mhux fit-talba, hemm referenza espressa ghas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2013 li hija s-sentenza appellata. Ghalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-ligi nnifisha tipprovdi illi l-qorti, anke dik fi grad ta' appell, tista' tawtorizza korrezzjonijiet fl-atti quddiemha, u wkoll, tenut kont ta' dak li jghid l-Artikolu 157 [2] fuq citat u tenut kont li bil-korrezzjonijiet mitluba mhu ser isir ebda *"tibdil fis-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza"*[5] u ukoll fid-dawl tal-fatt li mhu ser jigi rekat ebda pregudizzju lis-socjeta` attrici, din il-Qorti qed tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni u qed

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti
[5] Art.157 [2]9

tordna lill-Registratur sabiex jaghmel id-debiti annotamenti fl-atti.

18. Rigward iz-zewg sentenzi preliminari fuq indikati, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li fir-rikors tal-appell ma sar ebda accenn ghas-sentenza preliminari tat-13 ta' Frar 2004 li tirrigwarda l-eccezzjoni ta' dezerzjoni u li minnha ma sarx appell, mhux l-istess jista' jinghad ghas-sentenza preliminari tas-16 ta' Frar 2008 li tirrigwarda l-eccezzjoni tas-socjeta` Valletta Freight dwar il-legitimazzjoni passiva taghha f'din il-kawza, stante li fir-rikors tal-appell ta' din is-socjeta` hemm aggravju proprju li jitratta il-meritu ta' din l-eccezzjoni u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju li s-socjeta` Valletta Freight qed tappella wkoll mis-sentenza preliminari tas-16 ta' Frar 2008.

19. Ghalhekk din il-Qorti tiddecidi dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell mis-sentenza preliminari tas-16 ta' Frar 2008 billi tichad l-eccezzjoni relattiva u ser tghaddi biex tikkonsidra l-appell imsemmi.

*L-Ewwel Aggravju ta' Valletta Freight [Legittimu Kuntradittur]*

20. Dan l-aggravju jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` Valletta Freight li hi fis-sens li din is-socjeta` hija ghal kollox estranja ghall-kaz u ghandha tigi liberata minnufih mill-osservanza tal-gudizzju peress li n-negozju in kwistjoni ma kienx jirrigwarda lilha imma

kien jirrigwarda biss lis-socjeta` Valfracht. Fl-aggravju taghha s-socjeta` Valletta Freight tghid li hi m'hijex il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza ghax mill-provi jirrizulta car li hija kienet qeghda taqdi lis-socjeta` attrici fil-vesti taghha ta' agent ghan-nom tal-principal is-socjeta` l-ohra Valfracht li, kif jirrizulta mill-Bill of Lading hija registrata f'Malta. Tghid li r-rwol taghha bhala agent johrog mix-xhieda ta' Victor Vella, Commercial Manager tal-istess socjeta` Valletta Freight.

<u>Is-Sentenza Preliminari [16 April 2008]</u>

21. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob id-danni billi qed tallega li merkanzija taghha giet dannegjata fi vjagg mill-Ingilterra ghal Malta. F'dan il-punt il-Qorti trid tiddeciedi biss jekk is-socjeta` eccipjenti Valletta Freight Services ghandhiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi qed tghid li m'ghandha x'taqsam xejn mal-vertenza in kwistjoni.
>
> "Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex huwa car li s-socjeta` attrici ghandha rapport guridiku dirett ma' din is-socjeta billi jidher mix-xhieda prodotti li d-direttur tas-socjeta` attrici Anthony Borg inkariga appuntu lilha biex tohodlu hsieb dan il-vjagg. Naturalment hi mbaghad inkarigat lis-socjeta` l-ohra konvenuta biex taghmel l-arrangamenti kollha kompriz it-trasport. Infatti Borg qal hekk; *"Kont immur ghand Valletta Freight fl-ufficcju taghhom il-Marsa u minn hemm johorguli l-bill of lading wara li nghidilhom dwar ix-xoghol li ser nimporta. Prattikament inhalli kollox f'idejhom. Fil-fatt inhallilhom open cheque li dejjem nindirizzah lil Valletta Freight Services Limited sabiex ikopri l-freight ... fin-negojati tieghi dejjem jien hdimt ma' Valletta Freight – pero' lill-kumpanija huma kienu jaghtuha x-xoghol. Jien qatt ma nnegozjajt maghha. Valletta Freight talbitni l-hlas tan-noll."*
>
> "Dan li qal dan ix-xhud ma giex ribattut bhala prova u huwa ghalhekk

car ghall-Qorti li s-socjeta` Valletta Freight ma tistax tghid li hija estranja ghal dan in-negozju guridiku. Naturalment f'dan l-istadju wiehed ma jistax jghid jekk hija ghandhiex tirrispondi fattwalment u legalment ghal dak li qed titlob is-socjeta` attrici, izda zgur ma hemmx dik l-estranjeta` ghall-vertenza li twassal lill-Qorti biex f'dan l-istadju tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 fl-ismijiet **Musu nomine vs Vella** nomine il-Qorti ta' l-Appell qalet illi ma setghatx tindirizza l-obbligazzjoni tal-hlas tad-danni biss lejn is-socjeta` trasportatrici ghaliex indubbjament ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta` konvenuta in kwantu hu ma' din is-socjeta` li gie finalizzat il-kuntratt tat-trasport. Ghandu jinghad illi dan intqal fir-rigward tal-fatt li s-socjeta` trasportatrici kienet giet kundannatta thallas waheda d-danni mill-Prim'Awla talQorti Civili – decizjoni li tbiddlet mill-Qorti ta' l-Appell li ddecidiet li z-zewg socjetajiet kellhom jinzammu responsabbli solidalment ghall-merkanzija li ma waslitx Malta. Wiehed jista' jsib ezami approfondit tar-responsabbiltajiet ta' l-agent fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Calleja nomine vs Ellul Sullivan** nomine deciza fil-15 ta' Dicembru, 2004."

22. Din il-Qorti tosserva, kif jirrizulta manifest mill-provi li, ir-rapport guridiku li minnu twieled il-kuntratt tat-trasport meritu tal-kawza sar mis-socjeta` attrici direttament mas-socjeta` Valletta Freight u ghalhekk is-sottomissjoni ta' din is-socjeta` li hi m'hijiex legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri hija legalment u fattwalment insostenibbli. Barra minnhekk, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'dan il-gudizzju, Valletta Freight tramite il-Commercial Manager taghha assumiet ir-responsabbilita` ghall-hsara li garrbet l-attrici fil-vettura taghha.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*L-Ewwel u t-Tieni Aggravju tas-socjeta` Valfracht Roro Line Limited u t-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames aggravju tas-socjeta Valletta Freight Services Limited.*

24. Peress li dawn l-aggravji huma konnessi, inkwantu jirrigardjaw ir-responsabbilita` ghad-danni kaggjonati u l-ammont ta' dawn id-danni, kif ukoll tenut kont li fil-meritu l-maggor parti tas-sottomissjonijiet maghmula mis-socjetajiet konvenuti huma identici, dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien.

25. Permezz ta' dawn l-aggravji, dawn is-socjetajiet jibdew billi jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat illi ma tressqet l-ebda prova mis-socjeta` appellanti fuq id-distinzjoni fir-rwol bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti. Jissottomettu li x-xhud Victor Vella, *Commercial Manager* tas-socjeta` Valletta Freight, spjega kjarament il-pozizzjoni taz-zewg socjetajiet. Jikkwotaw siltiet mid-depozizzjoni ta' dan ix-xhud u jissenjalaw li l-ewwel Qorti kellha tidditermina min minnhom hu responsabbli ghad-danni u l-ammont tad-danni. Valfract tghid illi hija kienet principal u carrier li skont ir-regoli li jirrelataw mal-Bill of Lading, carrier ifisser: *the owner or the charterer who enters into a contract of carriage with a shipper.*

26. Il-Valletta Freight tghid li f'dan il-kaz il-*carrier* kienet proprju s-socjeta` Valfracht li kriet il-vapur u ghalhekk kienet ic-charterer tal-vapur sabiex fuqu titghabba l-merkanzija tas-socjeta` attrici. Il-Valletta Freight kienet qieghda tagixxi biss bhala agent f'Malta tas-sid tal-vapur u tal-istess vapur. In fatti kienet Valfracht li harget il-bill of lading taghha lis-

socjeta` attrici li "kienet ix-shipper" u r-receiver fl-istess document.

27. Is-socjeta` Valfracht tissenjala li fil-mument li sehhet il-hsara l-merkanzija kienet gia` tghabbiet fuq il-vapur gewwa l-port ta' Tilbury Londra u l-agent li dahlet fi ftehim mas-socjeta` attrici sabiex jiehdu hsieb it-tghabija tal- merkanzija kienet l-Ocean Liner Agencies Limited. Issostni li hi ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-akkadut u dana ghax il-hsara giet kagjonata minn driver tal-Port of Tilbury London Limited li kien qed jimmanuvra vettura ohra fil-garage tal-vapur u li kien hu li laqat il-kabina tal-vettura in kwistjoni li kienet ghadha kif tghabbiet fil-garage tal-vapur MV MOON ADMIRAL.

28. Is-socjeta` Valfracht tilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tal-*limitation of liability* illi japplika ghaliha bhala l-principal. Ukoll, iz-zewg socjetajiet appellanti ssollevaw l-eccezzjoni tal-*free in and out [FIO] terms* li, skont huma, l-ewwel Qorti bi svista naqset milli tippronunzja ruhha dwarha.

29. Barra minnhekk is-socjetajiet konvenuti jissenjalaw illi l-hsara saret biss fuq il-vettura de quo li kienet inxtrat mis-socjeta` attrici sekonda man, li kienet tiswa' biss tlett elef u hames mitt lira sterlina (£3,500) eskluz il-vat (vide Dok B). Ma jirrizultax li kien sar rapport dwar il-kondizzjoni tal-vettura meta dina kienet itghabbiet fuq il-vapur u

ghalhekk hija mankanti l-prova li din, fil-mument tat-tghabija fuq il-vapur kienet f'kondizzjoni tajba. Lanqas ma gew prezentati ircevuti tal-vat u tad-dazju minkejja li s-socjeta` attrici qeda titlob il-hlas taghhom. Ghalhekk jissottomettu li ma jistghux jifhmu kif l-ewwel Qorti waslet sabiex tikkundannahom ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' €7,403.89

30. Jissottomettu illi jezisti l-principju, uzat kemm fin-negozju kif ukoll mill-assigurazzjonijiet, li huwa dak tal-*constructive total loss* li hu fis-sens illi ma jistax wiehed jiehu bhala danni ammont aktar mill-valur tal-oggett li fuqu saret il-hsara. Fuq hekk is-socjetajiet appellanti hassewhom aggravati meta gew ikkundannati jhallsu s-somma fuq indikata. Jissenjalaw li fl-invoice no 156/00 ipprezentata mis-socjeta` attrici waqt il-provi taghha, li *prima facie* lanqas biss hija l-ircevuta proprja tal-hlas, jirrizulta illi l-parti mill-merkanzija li soffriet il-hsara qieghda mmarkata fil-margini illi giet mixtrija fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt sterlina (£3,500) eskluz l-vat. Allura jfisser li abbazi ta' dan il-principju universali tal-*constructive total loss*, il-kumpens ghal hsara ma kellux jeccedi l-valur li l-oggett kellu qabel sofra l-hsara. Ukoll, minkejja li s-socjeta` attrici lanqas biss ippruvat permezz ta' dokumenti u ircevuti minghand id-dwana li hallset id-dazju, xorta wahda inghatat id-dritt li tigi kumpensata ghalih.

31. Is-socjeta` attrici tilqa' ghal dawn l-ilmenti billi tissottometti illi l-aggravji jikkritikaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Huwa assodat fil-gurisprudenza illi l-apprezzament tal-provi ma jigix disturbat jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest li jekk ma jigix rettifikat parti tkun ser issofri ingustizzja. Tissottometti li l-appell prezenti ma huwiex kaz fejn tezisti din l-eccezzjonalita`, anzi huwa car illi d-decizjoni tal-prim istanza hija ben motivata, fejn gew ezaminati l-provi kollha nkluzi d-dokumenti li kellha quddiemha u dik il-Qorti tat sentenza studjata u motivata sewwa, u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tbiddel u wisq anqas tirrevoka s-sentenza appellata.

32. Dwar aggravju in kwantu dirett lejn ir-rwoli differenti tas-socjetajiet konvenuti f'dan il-kaz, tghid li hemm diffikulta` li wiehed jifhem ezattament x'inhuma l-lameteli precizi tal-socjeta` Valfract. Tghid li, kuntrarjament ghal dak asserit, l-ewwel Qorti dahlet ferm fil-kwistjoni tar-responsabilita` u l-legami taz-zewg kumpaniji konvenuti. Dwar ir-responsabilita` taghhom iccitat mis-sentenza **Paul Musu noe v. Francis Vella et noe** (Appell 4 ta' Dicembru 1998) u ddikjarat illi l-agent tal-vapur u t-trasportatur huma *"solidament responsabbli ghall-akkadut u kwindi ghad-danni subiti mis-socjeta attrici'"*. L-ewwel Qorti wkoll irriteniet illi 'is-solidarjeta` f'dawn ic-cirkostanzi tohrog *ex lege*'. Dik il-Qorti ghamlitha cara illi, fid-dawl tal-provi migjuba, hija qieset il-kawzali ghat-talba attrici bhala wahda kontrattwali u mhux delittwali.

33. Dwar dik il-parti tal-aggravji fejn gie sottomess illi r-responsabbilita` ghaddiet ghand Ocean Lines Agencies Limited, l-attrici tghid li din ma tirrizulta minn imkien. Imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-hsara sehhet tort ta' xi driver tal-Port of Tilbury kif allegat mill-konvenuti. Li hu zgur hu li l-hsara saret abbord il-vapur waqt illi l-merkanzija kienet taht ir-responsabbilita` tal-konvenuti illi flimkien u *solidalment* bejniethom obbligaw ruhhom illi jittrasportaw din il-merkanzija sana u salva sa Malta.

34. Mill-provi fqar migjuba mill-konvenuti minn imkien ma jirrizulta dak asserit minnhom. Il-konvenuti ma gabu provi ta' xejn sas-sentenza preliminari tas-16 ta' April 2008 fejn ingabu provi fuq l-eccezzjoni preliminari, izda wara dik is-sentenza u minkejja li kellhom diversi opportunitajiet biex jaghmlu dan, il-konvenuti lanqas biss gabu prova wahda, lanqas bissipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet kif kellhom id-dritt illi jaghmlu. Jidher illi issa qed jippruvaw isewwu dawn in-nuqqasijiet permezz ta' dan l-appell. Izda kif irreteniet din il-Qorti fis-sentenza **Margaret Vella et v. Salvu Parnis** (25 ta' Settembru 2006): *'Kawzi li jsiru b'leggerezza jew li jigu kondotti in prima istanza b'nonkuranza jew b'nofs kedda, ma jistax wiehed jippretendi li jipprova jsalvahom fl-appell'*.

35. Dwar il-*quantum* tad-danni tghid li dan ukoll jidher li hu maqsum fi tnejn. L-ewwel parti tal-aggravju titratta l-eccezzjoni illi d-danni kellhom jigu limitati ghal €233 kull unit u fit-tieni parti tieghu qed jinghad illi d-danni jaqbzu l-valur li bih inxtara t-trakk. Dwar l-ewwel parti fejn jinghad illi l-ewwel Qorti skartat l-eccezzjoni illi skont il-*Bill Of Lading* u l-*Hague Rules* fejn allegatament hemm stabbilit illi d-danni ghandhom jigu limitati ghal €233 kull unit; tghid illi l-ewwel Qorti trattat dan il-punt u mhux vera skartatu. Prova tal-kundizzjonijiet annessi mal-bill of Lading min-naha tas-socjeta` konvenuta ma ngabet qatt. Apparti minn hekk l-ewwel Qorti ghamlitha cara illi l-kawza ta' din l-azzjoni hija wahda kontrattwali u mhux delittwali. L-attrici imbaghad ghaddiet biex ticcita gurisprudenza (Vol XXXVII – iii - 874 u XXXVI - i – 319) fis-sens li huwa principju ta' dritt merkantili li l-klawsoli tal-ezoneru ma jezonerawx mir-responsabbilita` meta jkun hemm *breach of contract of duty*.

36. Tissenjala ukoll illi dan l-argument qatt ma tqajjem jew gie espost fil-prim istanza u kif gie rimarkat fis-sentenza **Saviour Tabone v. Carmel Attard** (Appell Inf 15 ta' Gunju 2011):- *'huwa argument li jidher li qam biss f'din l-istanza, tant li l-istess appellant, ghalkemm kellu l-opportunita` lanqas prezenta nota ta' osservazzjonijiet meta kellu l-fakolta` jaghmel dan u jipprezenta f'dak l-istadju dan l-argument, u dan juri leggerezza mill-konvenut li f'dan l-istadju huwa difficli hafna li tigi rimedjata'.* L-istess osservazzjoni giet maghmula minn din il-Qorti fit-30

ta' Settembru 2011 fil-kaz fl-ismijiet **Buttigieg v. Demanuele**.

37. Tghid li dan ukoll jghodd ghal dik il-parti tal-aggravju fejn qed jinghad illi l-ammont likwidat huwa aktar mill-valur li bih inxtara t-trakk. Jidher illi dan huwa argument gdid li gie mqajjem biss fl-istadju tal-appell u qatt qabel ma ssemma', minkejja li kieku riedu l-konvenuti kellhom kull fakulta` u opportunita` li jsemmuh. Il-konvenuti ma jistghux legalment taht forma ta' aggravji fl-istadju tal-appell idahhlu temi godda ta' indagini u ta' decizjoni li taltera sostanzjalment il-parametri tal-kontroversja quddiem l-ewwel Qorti jew li ma gewx definiti fl-ewwel istanza (Ara **Anthony Zarb v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, App. Inf., 30 ta' April, 2008 u **Emilia Rizzo Marich v. Carmela Podesta**, Appell, 1 ta' Dicembru, 1958).

38. Fil-mertu tal-argument, tghid illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha dwar id-danni wara li osservat illi quddiemha ma saret l-ebda kontestazzjoni tad-danni reklamati. Ukoll jirrizulta mill-atti processwali illi d-danni reklamati gew likwidati minn zewgt surveyors l-inginier Paul Cardona li kien tqabbad mis-socjeta` Valfracht u s-Sur Paul Ellul li li kien inkarigat mis-socjeta` Valletta Freight u mhux mil-kumpanija attrici. Dawn iz-zewg surveyors xehedu quddiem l-Qorti u kkonfermaw il-likwidazzjoni taghhom u dak l-ammont kien jirrapprezenta l-ispiza tat-tiswija tal-vettura.

39. Tissenjala wkoll illi l-prezz li bih inxtrat il-vettura mhux bilfors jirrifletti l-valur reali tal-vettura. Is-socjeta` attrici hija kummercjanti u tixtri makkinarju u vetturi bi prezz vantagguz biex minnhom taghmel il-profitt. Il-merkanzija tinxtara minn ghand kummercjanti li ssoltu jsir in-negozju maghhom biex jigu ottenuti prezzijiet vantagguzi. Ukoll, jigi osservat li wara li tasal Malta l-vettura, jithallas ammont sostanzjali ta' dazju fuqha u terga' tinbiegh bi profitt. Fi kwalunkwe kaz jirrizulta inkontestat fil-kaz odjern illi l-ammont reklamant huwa l-ammont li kien necessarju biex tissewwa l-hsara. Dan l-ammont likwidat mis-surveyors tal-konvenuti nfushom huwa l-ammont li l-kumpanija attrici zborzat u hallset mill-but; u huwa dak l-ammont li ghandu jigi rkuprat minghand il-konvenuti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

40. Din il-Qorti tirribadixxi li ghal dak li hu apprezzament ta' provi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax dan l-apprezzament jekk mhux ghal xi zball manifest li jirrizulta u li jekk ma jigix rettifikat parti tkun ser issofri ingustizzja. Izda dan ma jezonerax lil din il-Qorti mid-dmir taghha li terga' tezamina l-provi sabiex tiddeciedi jekk fuq il-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha.

41. Fil-meritu l-Qorti tosserva li, kif gja` spjegat aktar 'il fuq, mill-provi jirrizulta sodisfacentement li r-rapport guridiku li kellha s-socjeta` attrici kien biss mas-socjeta` Valletta Freight li kienet giet inkarigata minnha sabiex iggorr vettura mixtrija mill-istess socjeta` attrici mill-Ingilterra ghal Malta. Jirrizulta wkoll li l-vettura kienet giet mixtrija minn u misjuqa personalment minn Anthony Borg, Commerical Manager tas-socjeta` attrici fl-Ingilterra sakemm wasal biha sal-port ta' Tilbury. Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta Valletta Freight kienet hadet hsieb sabiex tinkariga lis-socjeta` konvenuta Valfract bhala responsabbli ghall-garr sabiex twassal il-vettura sa Malta. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici ma kellha ebda relazzjoni mas-socjeta` Valfract u ghall-operazzjoni kollha s-socjeta` attrici kienet ftehmet biss ma' Valletta Freight. Di fatti, skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-imsemmi Anthony Borg dan, kif jaghmel is-soltu, kien ta blank cheque lis-socjeta` Valletta Freight sabiex din tiehu hsieb dak kollu mehtieg biex il-vettura tasal Malta. L-istess Anthony Borg jghid li hu kien sar jaf li kien hemm involuta wkoll s-socjeta` Valfracht wara li l-vapur kien wasal Malta fejn induna li fuq il-bill of lading kien hemm indikat l-isem ta' din il-kumpanija. Jirrizulta wkoll mill-provi li d-dokumenti u invoices[6] moghtija lilu kienu fuq letterhead tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight.

[66] Fol.240 et seq.

42. Barra minn hekk il-fatt li l-vettura sofriet hsara meta fil-fatt kienet diga` ggaraxxjata fil-vapur, u mhux qabel, jinsab konfermat mill-kontenut tal-bill of lading fejn hemm indikat, b'referenza ghall-vettura de quo indikata fl-istess dokument, *"Shipped on Board in apparent good order and condition".*

43. Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li Valletta Freight, bhala l-unika entita` inkarigata mis-socjeta` attrici sabiex timporta l-vettura mill-Ingilterra ghal Malta, hija responsabbli ghall-obbligi minnha assunti fil-konfront tal-attrici u, il-fatt li Valletta Freight kienet inkarigat lil Valfracht sabiex taffettwa l-operazzjoni tat-trasport, ma jezonerahiex mir-risponsabbilita` kuntrattwali assunta minnha. Barra minnhekk, hemm elementi ohra ta' prova li fuqhom l-ewwel l-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li Valletta Freight hi esklussivament responsabbli ghad-danni. Di fatti jirrizulta mhux kontraddett dak li qal Anthony Borg, li meta huwa ilmenta f'zewg okkazzjonijiet separati [7] dwar il-hsara kaggjunata fil-vettura, Victor Vassallo *commercial manager* mas-socjeta` Valletta Freight, kien weghdu li kienu ser jirrimborzawh tal-hsarat kollha. Fl-affidavit tieghu Anthony Bog jghid li Victor Vella, bhala direttur tas-socjetajiet konvenuti u li kien prezenti waqt it-tghabija *"minn naha tieghu dejjem jassiskurani li*

[7] L-ewwel darba meta Victor Vella li kien prezenti waqt it-tghabbija tal-vapur kien informah li vettura ohra laqghet il-windscreen tal-vettura de quo, u t-tieni darba meta hekk kif Anthony Borg ra l-vettura induna li l-hsara ma kinitx biss fil-windrscreen izda kienet testendi wkoll ghall-gabina.

*kollox kellu jkun sew u l-flus hekk dovuti lili minhabba l-hsara fl-ammont likwidat fis-survey kellhom jithallsu lili billi jigu mnaqqas minn flus li jien ikolli naghtihom minn zmien ghal zmien peress li jien kont nuza is-servizz taghhom regolarment."*[8] F'affidavit ulterjuri jghid "*Niftakar lis-sur Vella jikkalmani u jghamilha cara mieghi li ma kellix ghalfejn ninkwieta ghaliex huma kienu ser ihallsuli l-ispejjez kollha biex tinbidel biex titranga l-gabina u dak li kien hemm bzonn*".

44. Din il-Qorti tosserva li la darba is-socjeta` Valletta Freight, tramite l-*Commercial Manager* taghha Victor Vella, accettat f'zewg okkazjonijiet li taghmel tajjeb ghall-hsara sofferta fil-vettura, kemm dik kaggjonata fil-windscreen kif ukoll dik fil-gabina, allura ghandu jipprevali dan il-ftehim verbali li permezz tieghu dik is-socjeta`, fil-konfront tas-socjeta` attrici, addossat fuqha l-oneru li taghmel tajjeb ghall-hsara u dan b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Fid-dawl ta' dan mhux il-kaz li din il-Qorti tikkonsidra ulterjorment l-aggravji tas-socjeta` Valfracht li allura hi mehlusa minn kull responsabbilita` ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici.

45. Rigward l-aggravji fejn is-socjetajiet konvenuti jilmentaw li l-ammont tad-danni akkordat mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv u li dik il-Qorti "ma spjegatx kif waslet ghal tali somma hekk likwidata", din il-

[8] Fol.60

Qorti tosserva li dan l-ilment jirrazzenta l-fieragh tenut kont tal-fatt pacifikament akkolt li l-ammont tal-hsara kaggjonata fil-vettura gie stabbilit miz-zewg surveyors inkarigati appozitament mis-socjetajiet konvenuti: Paul Ellul inkarigat mis-socjeta` Valletta Freight u l-Ingineer Paul Cardona inkargiat mis-socjeta` Valfracht.  Fir-rapporti taghhom dawn is-surveyors, wara li ghamlu elenku tal-hsara u tal-estensjoni taghha, wasslu ghall-konkluzjoni li din tammonta komplessivament ghas-somma ta' LM3,177.6 – illum €7,403.  Kif osservat fis-sentenza appellata, il-hsara deskritta fir-rapporti u l-ammont tal-ispiza ghar-riparazzjoni ma gew bl-ebda mod kontestati, la mis-socjeta` attrici u lanqas mis-socjetajiet konvenuti.  Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta accettat l-imsemmi ammont bhala l-ammont dovut lis-socjieta` attrici.

46.  Ghaldaqstant l-aggravji tas-socjeta` Valletta Freight mhumiex gustifikati u qed jigu michuda, filwaqt li dawk ta' Valfracht qed jigu milqugha fil-limiti tal-konsiderazjonijiet premessi.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta` Valletta Freight, filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta` Valfracht.

L-ispejjez kollha tal-ewwel istanza jkunu a kariku tal-konvenuta Valletta Freight; dawk relatati mal-appell tal-istess socjeta` konvenuta ikunu kollha a kariku taghha, filwaqt li dawk relatati mal-appell tas-socjeta` Valfracht ikunu a kariku tas-socjeta` attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df